**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 15 ta' Novembru 2017**

**Rikors Numru: 367/2008 CSH**

**Schembri & Sons Limited (C4225)**

**vs**

**Paul Gladwish u b'digriet tal-10 ta' Marzu 2009 gie kjamat in kawza Joseph Cutajar.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' Novembru 2008 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) ekwivalenti ghal hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmi (€11,646.87) bilanc minn somma akbar prezz ta' *concrete beams* u *slabs* u xoghol konness mal-istess minnhom ordnati u lilhom debitament ikkonsenjat minnha f'dawn l-ahhar snin.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru 3028/08 u bl-imghax legali fuq is-somma mitluba mill-1 ta' Awwissu 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni tieghu in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Paul Gladwish prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-13 ta' Jannar 2009 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *"Illi preliminarjament it-talba tas-socjeta' attrici hija preskritta ai termini ta' l-artikoli 2149 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghandu jigi kjamat in kawza is-Sur Joseph Cutajar karta ta' identita numru 534350(M) li huwa l-kuntrattur li kellu l-inkarigu jibni, jizviluppa l-bini u jordna u jhallas dak il-materjal kollu necessarju u li kien responsabbli ghall-hlas tal-concrete beams u slabs kif rikonoxxut mis-socjeta' attrici stess u kif ser jigi muri u spjegat fil-kawza.*

3. *Illi preliminarjament il-konvenut mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza stante illi l-inkarigu ta' ordnijiet u hlas ta' l-istess materjal imsemmi ma kienx tieghu.*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-pretensjonijiet migjuba mis-socjeta' attrici huma infondati fid-dritt kif ukoll fil-fatt stante illi l-konvenut m'ghandu l-ebda hlas x'jaghmel lis-socjeta' attrici.*

5. *Illi minghajr pregudizzju, ix-xoghol konsenjat mis-socjeta' attrici fil-fond tal-konvenut mhux dak rikjest u ordnat ghan-nom tal-konvenut kif ser jigi muri fil-mori tal-kawza.*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Marzu il-konvenut Paul Gladwish talab il-kjamat in kawza ta' Joseph Cutajar u l-attur ma oggezzjonax u l-Qorti ghalhekk laqghet it-talba u ordnat li jigi kjamat in kawza Joseph Cutajar.

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza Joseph Cutajar li gietipprezentata fid-19 ta' Mejju 2009 fejn ecceppixxa bir-rispett is-segwenti:-

1. *"Preliminarjament illi l-eccipjent mhux il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*
2. *Subordinatament u bla pregudizzju l-azzjoni hi preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili.*
3. *Subordinatament u bla pregudizzju l-azzjoni Civili hi preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.*
4. *Bla pregudizzju u fil-mertu l-ebda ammont ma hu dovut."*

Semghet il-provi imressqa mill-partijiet.

**Paul Gladwish** xehed nhar it-8 ta' Ottubru 2009 u stqarr illi huwa ghandu bicca art gewwa Hal Qormi u kien ftiehem mal-kuntrattur Cutajar sabiex jibnilu u jiehu hsieb kollox hu. Ghamlu kuntratt f'dan is-sens li l-konvenut esebixxa u gie markat bhala Dok. Z. Kien ftiehem ma' dan Cutajar li kellu jiehu hsieb kollox hu, kellu jiehu il-materjal u fl-ahhar imur il-perit u skond il-kejl tal-perit jithallas.

Huwa qatt ma rcieva xi kontijiet fuq din il-proprjeta' u kien jiehu hsieb kollox Joe Cutajar u sar jaf li kien hemm dan il-kont pendenti mas-socjeta' attrici meta rcieva dan ir-rikors promotur.

**Johann Farrugia** xehed fis-27 ta' Novembru 2009 u dan fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-socjeta' attrici. Spjega illi huma bdew jissuplixxu saqaf bit-travi u planki tal-konkos ghal Paul Gladwish u dan zmien ilu u cioe' fis-sena 2004. Jghid li kienu gew imqabbda direttament minn Paul Gladwish. Fil-fatt kienu ghamlu xi ftehim bejniethom u hargu xi stima. Huwa spjega li s-saqaf in kwistjoni li gie ordnat kellu jehel Hal Qormi. Jghid li in segwitu sema li l-konvenut kellu xi problemi mal-MEPA u ghalhekk l-konvenut kien mar

ghandhom u tkellem ma' rapprezentant taghhom li kien inkarigat fuq dan ix-xoghol u kien talabhom biex inaqsu mill-hxuna tas-saqaf minhabba l-gholi tal-bini. Originarjament huwa kien ghamel ordni u l-perit taghhom kien ghamel id-disinn skond il-kalkoli tieghu. Il-klijent sab li s-saqaf kien gholi u ghalhekk gew mitluba sabiex inaqsu l-hxuna tas-saqaf. Naturalment meta ghamlu hekk is-saqaf ikun jiflah anqas.

Ix-xhud spjega li x-xoghol in kwistjoni kien kbir hafna u s-saqaf dam sejjer xi sena u nofs biex tlesta. Sadanitant il-pagamenti bdew dehlin bil-mod u dan direttament minghand Paul Gladwish. Meta huma spiccaw is-saqaf l-konvenut gie mgharraf li s-saqaf kien jiflah inqas u ghalhekk ma riedx ihallas u dan sehh xi sena u nofs wara li kien tlesta ix-xoghol. Joe Cutajar kien jahdem mal-konvenut u kien ikun pezenti fuq is-sit u jiehu hsieb il-kwistjoni teknika.

Sussegwentment meta lestew ix-xoghol huma ghamlu diversi talbiet biex jithallsu. L-ahhar darba li kienu ltaqghu kien xi erba' xhur qabel u dan fl-ufficcju ta' l-avukat Dr. Kenneth Grima flimkien mal-periti rispettivi taghhom. Huma ma waslu ghall-ebda ftehim pero' dan qatt ma cahad u qal li m'ghandux ihallashom u tkellem biss dwar il-problema tal-hxuna tas-saqaf.

Huwa esebixxa ittra ufficcjali li rcevew minghand Paul Gladwish u dan kien fid-29 ta' Jannar 2008. Dan id-dokument qed jigi markat mill-Qorti bhala Dok. CSH.

Illi f'dan id-dokument il-konvenut interpella lis-socjeta' attrici sabiex jghamlu ix-xoghol skond l-ordni maghmula lilha u cioe' dik miftiehma bejniethom fejn hija s-socjeta' attrici li kellha tpoggi travi tal-konkos tal-erbghin pied 'l wiehed fil-propjeta' tieghu.

Illi nhar il-25 ta’ Frar 2010 is-socjeta’ attrici pprezentat l-affidavit ta’ **Dr. Kenneth Grima** li gie mmarkat bhala Dok KG1. Huwa kkonferma li huwa l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici u in konnessjoni ma’ din il-pendenza kkonferma li kien hemm laqgha fl-ufficcju tieghu mal-konvenut u l-avukat tieghu Dr. Duncan Borg Myatt. Din il-laqgha kienet sehhet xi sena qabel l-affidavit u ftakar li l-kontenzjoni bejn il-partijiet ma kinitx wisq dwar jekk l-ammont kienx dovut minn Paul Gladwish lis-socjeta’ attrici ghal konsenja ta’ travi tat-tip *pre stressed* izda dwar kwistjoni illi kienet inqalghet rigward il-hxuna tal-istess *pre stressed slabs* konsenjati lill-konvenut Paul Gladwish.

Jiftakar illi kienet inqalghet din il-problema ghaliex il-perit ta’ Paul Gladwish kien ghamel xi alterazzjoni fil-pjanti fejn kien raqqaq il-hxuna tat-travi li kellhom jigu suppliti u wara s-socjeta’ attrici kienet irceviet din l-ordni sabiex ifornu travi ta’ hxuna inqas minn dawk originarjament mahsuba u wara li dawn it-travi kienu tqieghdu fil-post, Paul Gladwish ilmenta illi peress illi t-travi suppliti kienu ta’ hxuna inqas minn dak originarjament mahsuba. Dawn setghu igorru piz inqas minn piz li kieku kien igorru t-travi l-ohrajn u ghalhekk kien hemm l-ilment.

Illi minn naha taghha s-socjeta’ attrici dejjem qalet illi l-ordni tat-tip ta’ travu kien sar minn Gladwish jew minn persuni mqabbdin minnu u hi qatt ma dahhlet jew giet mitluba taghti pariri taghha dwar il-hxuna tal-*pre stressed slabs* ordnati izda biss irceviet l-istruzzjonijiet minghand Gladwish u/jew minghand ir-rapprezentanti tieghu u ghalhekkk jekk il-hxuna tat-travi l-godda kienet inqas minn dawk originarjament ordnati u allura bhala konsegwenza dawn setghu igorru piz inqas, din ma kienitx problema tas-socjeta’ attrici. Jekk xejn l-ilment ta’ Paul Gladwish kellu jittiehed mal-Perit tieghu u/jew mal-kuntrattur tieghu u mhux mis-socjeta’ attrici.

F’din il-laqgha Gladwish qatt ma qal illi ma kellux jaghti lis-socjeta’ attrici, tant hu hekk illi kien hemm ftehim illi s-socjeta’ attrici kellha tnehhi l-

Mandat ta' Sekwestru illi kienet ottjeniet kontra Paul Gladwish u dan bil-kundizzjoni illi huwa kellu jipprezenta *bank draft* li kellu jinzamm minnu sakemm tinghata s-sentenza (ara korrispondenza annessa u mmarkata bhala Dok. A).

Fil-fatt f'email partikolari Dr Kenneth Grima ghan-nom tas-socjeta' attrici jghid li l-klijenti tieghu kienu waslu fi ftehim dwar il-mandat li kienet harget is-socjeta' attrici fuq il-kontijiet tal-konvenut u kienu ftehmu li l-konvenut jipprepara bank draft fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur, liema bank draft ma kellux jissarraf qabel ma tinghata is-sentenza odjerna u a bazi tal-hrug ta' dan il-bank draft is-socjeta' attrici tohrog l-kontro-mandat li hija kellha fuq il-konvenut. Jidher ukoll mill-email datata 31 ta' Ottubru 2008, esebita a fol 32 miktuba minn Dr Catherine Formosa ghan-nom tal-BOV li l-klijent taghhom l-konvenut kien accetta din il-proposta. Cio' nonostante pero' jidher li ftit jiem wara (u cioe' fit-3 ta' Novembru 2008) il-konvenut kien biddel fehmtu tant li l-konvenut kien ta struzzjonijiet lill-Bank tieghu sabiex jikkancella l-hrug tal-bank draft.

Huwa jghid illi l-kwistjoni qatt ma kienet fuq jekk Gladwish kienx debitur tas-socjeta' attrici o meno izda kienet tirrigwarda biss jekk it-travi suppliti kienux jifilhu piz daqs it-travi originarjament mahsuba. Irrefera ghal dak li qal 'l fuq illi din l-ordni ghal travi ta' hxuna inqas kienet maghmula minn Gladwish jew nies imqabdin minnu u minn haddiehor u dan fuq parir tal-perit imqabbad minnu.

Ghalhekk ikkonkluda illi meta wiehed qieghed jinnegozja jew jiddiskuti l-kwalita' ta' oggett supplit u mhux dwar jekk giex supplit l-oggett jew jekk il-prezz tal-istess mhuwiex dovut o meno ma jistax wiehed jecepixxi l-preskrizzjoni donnu s-socjeta' attrici qatt ma vvantat il-pretensjonijiet taghha entro t-terminu moghti fil-ligi u ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni f'dawn l-istanzi ma tistax treggi.

**Johan Farrugia** xehed nhar il-11 ta' Jannar 2012 u spjega illi huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur, fil-fatt jghid illi huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta' Schembri & Sons u ilu jahdem maghhom ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena. Mistoqsi min kien jiehu hsieb il-kwistjoni ma' Gladwish jghid li kien imdahhal pero' propjament kien jiehu hsieb Charles Grech. Hu kien jiehu hsieb il-*quality control* pero' gie mqabbad sabiex jitkellem mal-klijent wkoll. Kien hemm ukoll involut il-perit Ivan Cachia li kien jiehu hsieb id-*design* u kien jitkellem hu ma' Paul Gladwish.

Il-perit ma kienx impjegat dirett mal-kumpanija tieghu izda kien *sub-contractor,* u kien *out sourced.* Din il-kwistjoni kienet fuq disinn tas-saqaf li jinkludi *beams* u *flaps* fuqhom. Meta kienu gew ghal fazi tal-istima, il-klijent kien talab biex ikollu saqaf li jerfa' certu *loading*. Sussegwentement il-perit hareg il-kalkoli tieghu ta' kif kellu jkun dan is-saqaf. Jaf li l-bejt kien ser ikollu xi uzu li jitilghu fuqu n-nies. Dan il-bejt kien jifforma parti minn fond kummercjali. Tahtu kienu jezistu xi garaxxijiet. Taht is-saqaf in-kwistjoni kien ser ikun hemm sala li kienet ser tintuza ghal xi skop tal-anzjani. Ix-xhud jistqarr illi l-ispan ta' dan is-saqaf kien wiehed kbir u ghalhekk il-hxuna kellu jkun ta' xi metru. Meta pprovdu d-disinn kien ser ikun hemm problemi mal-MEPA, ghaliex kien ser ikun jaccedi il-*height limitation* permess mill-MEPA. Il-klijent kien talab ghalhekk li dan is-saqaf jitnaqqas l-hxuna tieghu biex jghaddi mill-MEPA.

Naturalment jekk jitbaxxa kien ser ikun jiflah inqas fis-sens li jkun hemm anqas volum fuqu pero' dan kien ser jaffetwa l-volum ta' fuq il-bejt u mhux ta' taht il-bejt. Sussegwentament kienu provdew dizinn modifikat biex jigi *in line* ma' dak li kien mitlub mill-MEPA dwar il-hxuna tieghu. Il-klijent kien acetta dawn il-*modifications* u bdew jahdmu skond dawn il-modifications il-godda. Dan il-process kollu dam il-fuq minn sena, sakemm beda u spicca. Il-klijent kien tellgha l-bini kollu sa dan is-saqaf. Is-saqaf sar normali u meta

gew biex jipprezentaw ic-certifikat tas-saqaf li hija prattika normali, il-klijent oggezzjona ghaliex ma kienx jiflah daqs kemm kien talab originarjament.

Il-pagamenti kienu jidhlu b'mod regolari anke sa wara li lestew ix-xoghol. Jidher li kien ghad fadal l-ahhar pagament, u cioe' l-bilanc dovut, mitlub fir-rikors taghhom. L-ahhar pagament kien ta' hamest elef maltin (Lm5,000). In segwitu kienu tkelmu mal-klijent kif ukoll mal-perit tieghu, iltaqa' kemm il-darba anke ghand l-ufficcju tal-avukat taghhom, qabdu wkoll perit indipendenti iehor biex jivverifika kemm jiflah dan is-saqaf u kien jiflah il-500 kilos li kien talab originarjament, izda in segwitu kien qed jitlob li dan is-saqaf jiflah 1000 kilos.

Huwa sostna li llum il-gurnata qed jistennew dan il-pagament. Mistoqsi x'sar minnu il-post, illum il-gurnata jghid li ma jafx. Ix-xhud esebixxa ittra li l-avukat tieghu kien baghat lil Paul Gladwish liema ittra hija interpellatorja fejn kienu qed jaghmlu talba ghall-hlas. Dan id-dokument gie markat mill-Qorti bhala Dokument Z. In segwitu ta' din l-ittra datata 31 ta' Mejju 2006, huma kienu ltaqaw diversi drabi, kemm ma' Paul Gladwish flimkien mal-perit tieghu kif ukoll ma' l-avukat tieghu. Dan kemm fl-ufficcju taghhom kif ukoll fl-ufficcju ta' Dr Grima. Dawn il-laqghat saru kollha wara il-31 ta' Mejju 2006. Jghid ukoll li kienu qabdu perit indipendenti biex jaghmel il-kalkoli tieghu dwar din l-istruttura u pprometta li fis-seduta sussegwenti jesebixxi kopja ta' dan ir-rapport. Il-Perit huwa Frank Muscat.

**Charles Grech** xehed fid-9 ta' Jannar 2013 fejn ikkonferma li ghamel xi hames jew sitt snin jahdem mas-socjeta' attrici u dan fil-kapacita' tieghu bhala *quality manager*. Mistoqsi jiftakarx il-progett ta' Paul Gladwish wiegeb li jiftakru. Huwa jiftakar li kien ordna saqaf maghmul minn travi tat-tip *pre-stressed* u naturalment planki ghal fuqhom. Huwa jiftakar li l-klijent kien talab biex ikun hemm certu kapacita' fis-saqaf u l-perit tas-socjeta'

Schembri & Sons kien iddisinja saqaf adekwat. Il-perit dak iz-zmien kien Ivan Cachia.

Mistoqsi jekk kellux xi relazzjoni mal-klijent, wiegeb li iva effettivament kien iltaqa' mieghu. Mistoqsi jghid x'kien qal il-klijent wara li l-perit Cachia ghamel il-pjanta relatata, ix-xhud stqarr li l-klijent kien talab sabiex is-sezzjoni tat-travi titbaxxa kemm jista jkun. Ghalhekk ippruvaw jakkomodaw il-bzonnijiet tieghu, u gew sottomessi sett ta' pjanti godda. Mistoqsi jekk il-perit tal-klijent indahalx f'din il-kwistjoni, qal li le ma kellux x'jaqsam.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm xi zmien meta Paul Gladwish irrifjuta t-tieni sett ta' pjanti maghmula mil-perit tax-xhud, qal li le ghax effettivament dawn gew maghmula fuq rikjesta tieghu stess. Effettivament ix-xoghol sar u t-travi gew imposti fuq il-post. Eventwalment hareg li l-klijent kien ried piz differenti u s-saqaf ma felahx dan il-piz gdid. Ix-xhud iddikjara li l-process dejjem kien li t-travi li jpoggu kienu jilqghu l-*load* li xtaq il-klijent.

Ix-xhud tenna li kien hemm certu regoli li ma setghux jaharbuhom ghax meta tiddisinja travu hemm certu *span to depth ratio* li jrid jigi mehud in kunsiderazzjoni. Huwa spjega li t-tieni sett ta' pjanti maghmula mill-perit lahaq dan it-toqol li kien xtaq il-klijent billi iddahhlu xi hadid iehor fid-disinn maghmul minnu.

Ix-xhud gie mistoqsi in kontro-ezami jekk jafx min hu l-perit tas-Sur Gladwish. Huwa qal li jafu u ltaqa mieghu pero' illum il-gurnata nesa' x'jismu. Ix-xhud ikkonferma li kellhom laqghat mas-Sur Gladwish u l-perit tieghu fil-propjeta' tas-socjeta' Schembri & Sons. Onestament pero' nesa' jekk il-perit tas-sur Gladwish kienx iddisinja il-piz tat-travu li kellu jkun hemm. Mistoqsi jekk jiftakarx l-iskop tal-laqghat mal-perit tas-sur Gladwish, wiegeb li dawn il-laqghat kienu saru effettivament wara li kien tpogga s-

saqaf, u ghalhekk it-travi kienu diga lesti u mpoggija, u dawn il-laqghat kienu saru peress li kienet harget il-kwistjoni li *load* ma lahaqx dak li kien rikjest mill-klijent. Wara li gew impoggija dawn it-travi, il-perit tas-sur Gladwish kien qal li t-travi ma kienux skont il-piz rikjest mill-klijent.

Ix-xhud stqarr illi kienu regghu gew ezaminati l-kalkoli u kienu hargu xi cifra, izda ma jiftakarx x'kienet. Huwa qal li minn dak li kien talab il-klijent u dak li rega' gie kkalkulat wara li tpoggew irrizulta li kien hemm differenza. Effettivament din ir-*recalculation* kienet saret fuq dak li kien hemm attwali u d-differenza kienet minn dak li kien hemm attwali, ghal dak li kien ordna. Mistoqsi jekk kienx hemm tibdil fil-*load* bejn l-ewwel u t-tieni profil wiegeb li huwa ma jidholx f'kwistjoni bhal din u lanqas jaf jekk kienx hemm. Mistoqsi jekk zammx xi karti jew dizinji relatati ma' din il-kwestjoni, wiegeb li le m'ghandux.

**Il-Perit Ivan Cachia** xehed fl-24 ta' April 2013 fejn iddikjara li huwa jiftakar li xi zmien ilu kien jahdem bhala *freelance architect* mas-socjeta' attrici. Huwa filfatt kien il-*project coordinator* tas-socjeta' attrici rigwardanti xi kostruzzjoni li kienet qed issir gewwa Hal Qormi, proprjeta' tal-konvenut Paul Gladwish. Huwa jiftakar li s-sur Gladwish xtaq isaqqaf is-saqaf ta' din l-istess propjeta'. Il-propjeta' in kwistjoni kellha span twila hafna li naturalment tirrikjedi certu strutturi. Jekk jiftakar sew kien hemm ukoll xi *height limitations* imposti fuq l-gholi tal-bini mill-MEPA. Huwa jaf ukoll li kien hemm xi *internal heights* li kellhom jigu rispettati internament sabiex ikollhom volum bhala *usuable space*.

Huwa spjega li per se l-ordnijiet ma jsirux direttament mieghu izda jsiru direttament mal-kumpanija. Huwa ma jiftakarx x'pizijiet kienu rikjesti. Dan kien jikkoncerna biss saqaf ta' bejt. Il-MEPA ma thallikx taghmel uzu minn dan il-bejt. Hemm naturalment l-istandards ta' tip ta' *loading* li ghandhom jintuzaw biex jigi ddisinjat dan il-bejt. Il-perit responsabbli ghal dan il-

progett kien il-perit Aquilina li kien imqabbad direttament mill-konvenut. Naturalment huma jaghmlu s-sistema u cioe' jaghmlu l-kalkolu tal-*loading*, jghadduha lill-perit tal-klijent u naturalment huma jiddiskutuha, japprovawha u jimxu fuqha. Huwa jaf ukoll li kienu ghamlu certu kalkoli sabiex inaqqsu l-gholi tal-bini. Dan peress li kien hemm il-*height limitations* imposti mill-MEPA.

Ix-xhud tenna li originarjament kien hemm ordni fejn il-*concrete beams* kellhom ikunu ta' certu hxuna. Izda minhabba l-pozizzjoni tal-kondizzjonijiet tal-MEPA, cioe' il-*height limitations,* il-konvenut xtaq li jergghu jaraw il-kalkoli li ghamlu, cioe' li l-*concrete beams* ikunu inqas hoxnin. Fil-fatt dan l-istudju sar, ghamlu kalkoli mill-gdid u ghamlu l-beams irqaq. F'din il-kwistjoni huwa ikkollabora bis-shih mal-perit Aquilina. Jiftakar li sussugwentament il-klijent u cioe' s-sur Paul Gladwish ma kienx kuntent b'dawn is-soqfa ghax qal li s-soqfa kif kienu gew ma kienux jifilhu certu pizijiet. Is-saqaf in kwistjoni kien wiehed partikulari ghax hemm spans kbar hafna. Pero' kemm kien il-*clear span* ta' dan is-saqaf in kwistjoni ma jifakarx. Mistoqsi mill-qorti jekk il-calculations sabiex hadmu dan is-saqaf ghadhomx ghandhom, qal li iva filfatt ghadhom ghandu sal-lum. Filfatt kellu johroghom mill-arkivji u jesebihom fis-seduta sussegwenti. Huwa sostna li l-*ispans u l-loadings* kienu gew diskussi mal-perit Aquilina qabel ma effettivament ghamel il-kalkoli tieghu. Filfatt il-klijent xtaq li s-saqaf jiehu *loading* aktar minn dak li gie ddisinjat li jerfa. Naturalment gie iddisinjat u accettat mill-perit tieghu Aquilina.

Rat illi nhar l-4 ta' Ottubru 2013 Dr Joseph Zammit ipprezenta nota fir-registru ta' din il-Qorti fejn irrinunzja ghall-patrocinju tal-kjamat in kawza Joseph Cutajar.

Il-**Perit Alan Saliba** xehed fit-13 ta' Jannar, 2016. Huwa kien nominat minn din il-Qorti b'digriet tad-29 ta' Mejju 2013 biex jiehu konjizzjoni tat-talbiet

attrici w anke dawk tal-konvenut. Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu nhar is-17 ta' Novembru 2015, liema relazzjoni giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument AS.

Rat illi sabiex qeda l-inkarigu tieghu, il-Perit zamm diversi seduti u sema' kemm xhieda jixhdu viva voce, kif ukoll permezz tal-affidavits.

Xehdu quddiem il-Perit nominat mill-Qorti is-segwenti u cioe' Johann Farrugia, il-Perit Ivan Cachia, filwaqt li xehdu permezz ta' affidavit il-konvenut, Paul Gladwish u l-Perit Godwin Aquilina.

**Johann Farrugia** xehed fis-17 ta' Ottubru, 2013 fejn qal li Gladwish kien mar l-ufficcju taghhom gewwa Hal Far ghax kellu l-intenzjoni li jaghmel saqaf. Charles Grech kien il-persuna inkarigata min-naha taghhom. Gladwish qalilhom x'kellu bzonn u x'kien se jghabbi fuqu, imbaghad is-socjeta' attrici qabbdet lil Perit Ivan Cachia biex jaghmel id-disinn strutturali tas-saqaf. Gladwish allura beda jmur ghand il-Perit Cachia biex jitkellmu dwar id-disinn finali. Il-perit kien hareg travu li kien imdendel mhux hazin u Gladwish xtaq li dan jitbaxxa bhala fond minghajr ma jbaxxi s-saqaf tal-*warehouse*. Il-perit Cachia hareg disinn iehor, tahulhom u bdew jahdmu.

Qal li t-travi bdew jitpoggew f'Lulju 2003 u tlesta kwazi sena wara u kien ghad fadal jithallas xi bilanc. Sadanittant qal li kienu qed isiru pagamenti regolari, ghalkemm ma jafx jekk kinux qed isiru minn Gladwish jew minn Cutajar, izda jaf li n-negozju sar ma' Paul Gladwish. Fl-2005 kien fadal il-bilanc li hemm pendenti llum fl-ammont ta' hamest elef u tmienja u ghoxrin Lira Maltin (Lm5,028) li gew ridotti ghal hamest elef Lira (Lm5,000) minhabba ragunijiet ta' kompetenza ta' din il-Qorti.

Fis-sena 2005, meta kienu ghadhom qed jigru wara l-bilanc, kien cemplilhom il-Perit ta' Gladwish, cioe' l-Perit Godwin Aquilina, fejn qalilhom li hemm

problema ghax it-travi jifilhu inqas minn dak mitlub originarjament. Huma talbu li ssir verifika tad-disinn ma' structural engineer iehor, biex ikunu certi mix-xoghol li sar. Tqabbad il-Perit Frank Muscat. Kopja tal-verifiki li saru ghaddewhom lil Gladwish u lill-Perit Aquilina.

F'Novembru 2005 il-Perit Aquilina kien talabhom rendikont tal-bilanc li kien fadal. Fl-istess ittra nfurmahom li Paul Gladwish ma kienx kuntent bil-*loading capacity* tat-travi, izda ma qalx kemm kellha tkun din il-*loading capacity*. Ix-xhud ipprometta li jipprezenta kopja ta' din l-ittra wkoll.

Inzammet laqgha ghand l-avukat dwar din il-kwistjoni. Prezenti kien hemm ix-xhud, Dr. Christian Grima, Paul Gladwish, il-Perit Godwin Aquilina u l-Perit Ivan Cachia, pero' ma waslu mkien.

Johann Farrugia ipprometta wkoll li jipprezenta kopja tat-travu *prestressed* kif sar kif ukoll kopja tad-disinn tat-travi li hareg il-Perit Cachia.

Kompla jghid li Joseph Cutajar kien il-bennej ta' Paul Gladwish. Cutajar m'ghamilx ordnijiet dwar dan ix-xoghol u qal li jista' jkun li Joseph Cutajar ghadda xi pagament lid-Dipartiment tal-Accounts taghhom.

Fil-15 ta' Jannar 2014 Johann Farrugia ipprezenta serje ta' dokumenti mmarkati JFR2 sa JFR19.

**Il-Perit Ivan Cachia** xehed quddiem il-Perit Tekniku fit-2 ta' Gunju 2014. Huwa kkonferma li jaf li zmien qabel kien sar progett ghal Paul Gladwish u li huwa kien involut fid-disinn tal-progett min naha tas-socjeta' attrici, izda spjega li hu ma kienx il-perit tal-progett. Wara li kien qara x-xhieda tieghu li ta precedentement quddiem il-Qorti fis-seduta tal-24 ta' April 2013, il-Perit Cachia spjega li huma kienu jghaddu d-disinn lill-Perit tal-klijent. Fuq

domanda tal-perit tekniku, huwa qal li jista' jaghti l-kaz li sar disinn differenti fuq dak originali.

Qal li Johann Farrugia kien qed isegwi dan il-progett. Ftakar li Gladwish kellu problema bl-gholi minhabba r-rekwiziti tal-MEPA. Dwar jekk sarx tibdil fid-disinn qal li xtaq jivverifika u zied jghid illi hu jiddisinja skont l-ispecifikazzjonijiet tal-klijent jew skont l-istandards applikabbli.

Ix-xhud qal li hu ma kienx involut wara li sar ix-xoghol u lanqas ma kien ikun prezenti waqt it-tqeghid. Qal li hu kien jiehu l-ordni minghand il-kuntrattur pero' ma jeskludix li seta' jkun ordnalu wkoll xi affarijiet il-klijent.

Il-**Perit Ivan Cachia** rega' xehed fid-9 ta' Lulju 2014 fejn ftakar li kien hemm problemi mal-MEPA dwar l-'*internal height'* u ghalhekk kien hemm limitazzjonijiet fuq l-gholi tat-travi u tal-planki. Ikkonferma li kien hemm tibdil mill-pjanijiet originali fejn kellhom inaqqsu l-gholi tat-travu minhabba l-kwistjoni ta' '*internal height'*.

Ix-xhud qal li mhux a konjizzjoni tal-fatt li l-klijent kellu jaghmel xi uzu partikolari mill-bejt. Qal ukoll li kienu hadmu r-'*roof loading'* skond il-British Standards. Spjega li l-hxuna tal-planki taffettwa wkoll l-'*internal height'*, pero' din kienet stabbilita skond il-British Standards.

Kompla li huwa ma hadimx ghal-'l*oading*' specifikat mill-klijent, imma fuq '*surface loading'* skond il-British Standards fin-nuqqas ta' tali specifikazzjonijiet mill-klijent. Dan jghodd kemm ghal dak li jirrigwarda l-planki kif ukoll ghat-travi li jgorru l-istess planki. Huwa kien ipprepara d-disinn tat-travi. Hija prassi li huma jiltaqghu mal-Perit tal-progett li huwa responsabbli biex jendorsja dak li jkunu qed jaghmlu huma. F'dan il-kaz hekk sar mal-Perit Godwin Aquilina.

Gie muri l-*calculation sheets* immarkati Dok. JFR11 sa JFR13 li juru l-*loading* li kkalkula fuqu, ta' 1.5kN/sq.m., u kkonferma li kien qed jaghrafhom. Wara dawn il-*calculations* hargu d-*drawings* biex il-kuntrattur ikun jista' jimmanifattura l-elementi.

Il-pjanta mmarkata Dok. JFR1 hija pjanta tat-travu u ma hejjijhiex hu, ghalkemm id-disinn jirrifletti l-kalkulazzjonijiet tieghu.

Rat l-affidavit ta' **Paul Gladwish** ipprezentat quddiem il-Perit Tekniku mmarkat Dok PG1. Dan qal li b'zieda ma' dak li kien xehed fit-8 ta' Ottubru 2009, huwa kien qabbad lill-Perit Godwin Aquilina bhala l-perit tieghu, qallu xi xtaq u cioe' li ried jibni sala fuq is-sular ta' isfel li kien ga lest u li xtaq juza l-bejt taghha bhala *roof garden*. Il-Perit kien hadem il-kalkoli u ghamel il-pjanti kollha. Qal li hu halla kollox f'idejh u kien ukoll il-perit li kien jitkellem mal-periti ta' Schembri & Sons Limited. Qal li rigward il-bini kien halla f'idejn Giuseppi Cutajar u kienu ftehmu li Cutajar kellu x'jaqsam mal-hlasijiet kollha u dan kif jidher fid-dokument immarkat Z li gie pprezentat fit-8 ta' Ottubru 2009.

Darba waqt ix-xoghlijiet kien baghat ghalih il-perit tieghu u kien qallu li kien hemm problema kbira ghaliex it-travi li kienu tpoggew ma kinux skond il-piz li ordnaw. Il-perit kien qallu li ahjar jieqfu mix-xoghlijiet u ma jkomplux ghax is-saqaf ma kienx ser iservi l-iskop li riedu. Il-perit tieghu kien skopra dan meta kienu qed isiru diskussjonijiet fuq travu partikolari.

Il-Perit tieghu kien irrabja hafna ghaliex dan l-izball sar min-naha ta' Schembri ghaliex l-ordni dejjem kienet cara ta' x'tip ta' travi riedu.

Qal li hu qatt ma kien jiehu hsieb xi pagamenti ma' Schembri ghaliex dawn kien responsabbli ghalihom Giuseppe Cutajar.

Rat ukoll l-**affidavit tal-Perit Godwin Aquilina** mmarkat Dok PG2. Qal li Paul Gladwish kien mar l-ufficcju tieghu sabiex jiddiskutu l-possibilita’ li jtellghu sular iehor fuq bini ga ezistenti fl-indirizz Triq il-Kanun, Hal-Qormi. Il-*ground floor* kien diga’ lest u Gladwish ried itella’ sular iehor. Paul Gladwish riedu jhejji pjanta ghal *multi purpose hall*. Wara diversi sottomissjonijiet mal-MEPA kien hareg il-permess sabiex tinbena din is-sala fl-ewwel sular. Ftakar li kien sar ftehim bejn Paul Gladwish u Giuseppi Cutajar, b’dan ta’ l-ahhar jassumi responsabilita’ tal-bini u kostruzzjoni u hlasijiet ma’ terzi. Kien hemm ukoll arrangament dwar il-hlas bejniethom.

Spjega li meta waslu biex jordnaw is-saqaf u cioe’ travi u planki, u fuq xewqa tal-klijent, haseb biex jiddisinja saqaf li jkun b’sahhtu ghal *roof garden*. Ghalhekk hu talab li s-soqfa kellhom ikunu kapaci jerfghu *super imposed load* ta’ 1500kg kull metru kwadru. Dan jidher car mill-korrispondenza u disinji li tawhom il-kumpanija ta’ Schembri fejn it-toqol ta’ 1500kg kull metru kwadru hu mnizzel minnhom stess. Saret l-ordni ghal dan is-saqaf b’*super imposed load* ta’ 1500kg kull metru kwadru a bazi ta’ *quotation* li kienet inghatat lilhom minn Schembri. Il-*quote* kienet ghal *pre stressed beams* bid-dettalji kollha.

Huwa ddiskuta ma’ Paul Gladwish sabiex is-saqaf ma jigix gholi u kien ta l-informazzjoni kollha lid-ditta Schembri inkluz il-*bending moment.* War li kien gie konfermat ix-xoghol fuq l-istima mibghuta minn Schembri kien beda x-xoghol fuq is-saqaf. Qal li l-istima bil-konferma tad-dettalji li riedu u l-klijent, kien harigha l-perit Ivan Cachia ghan-nom ta’ Schembri & Sons. Il-planki kellhom iserrhu fuq travi li kienu madwar 8 piedi boghod minn xulxin. Kien thallas id-deposit sabiex jibda x-xoghol.

Waqt li x-xoghol ta’ tpoggija tal-planki kien ghaddej, kienet inqaghlet problema fuq travu partikolari li kellu jifred is-sala minn mal-entratura.

Sabiex tissolva din il-problema hu kien iltaqa' mal-perit Ivan Cachia diversi drabi fejn hu spjegalu x'ried bhala specifications. Dan it-travu partikolari hu mnizzel bhala PGH/PB3 fl-ispecifications.

Zied jghid li darba waqt id-diskussjoni fuq dan it-travu, l-Perit Cachia kien waqqfu u kien ferm sorpriz. Cachia qallu li t-travi tas-sala ma kienx hadimhom bil-piz li kien qed jitkellem dwaru l-perit Aquilina. B'dan irid ifisser li ndunaw bil-problema tas-sahha tat-travi tas-sala waqt diskussjonijiet fuq it-travu PG/PB3. Il-Perit Cachia kien qal lilu personalment li t-travi li kienu lahqu tpoggew fis-sala ma nhadmux ghal 1500kg kull metru kwadru imma ghal 1.5 kg Newton kull metru kwadru. Zied jghid li dan kien ifisser li dak li talab hu w li kienet saret l-ordni fuqha kien 306 pounds kull metru kwadru filwaqt li dawk li tpoggew kienu jifilhu 31 pounds kull metru kwadru. Wara dan kien sar *meeting* iehor ghand Schembri Brothers fejn iltaqa' ma' rapprezentanti tal-istess kumpanija fejn kienu qalulu li l-Perit Cachia gie moghti l-informazzjoni hazina min-naha taghhom. Ftehmu li jsiru kalkolazzjonijiet min-naha taghhom sabiex jaraw ezatt it-travi li tpoggew x'massimu ta' sahha kienu jifilhu u effettivament irrizulta li kienu jifilhu sa 2.14kg Newton kull metru kwadru, li kien ferm inqas minn dak mixtieq. Minhabba dan, il-klijent tieghu kien limitat hafna u ma setax jaghmel dak li xtaq bis-saqaf tal-bejt. Ghalhekk huwa, f'isem il-klijent tieghu, ilmenta hafna ma' ta' Schembri.

Qal li sussegwentement kienu rcevew ittra (hawn annessa) minghand il-Perit Cachia. Sadanittant kienu lahqu tpoggew it-travi kollha. It-travu mmarkat PG/PB3 huwa kkalkolat u mahdum sew, il-problema qeghda fit-travi l-ohra. Ix-xhud qal li kien qal lil Paul Gladwish biex jikteb ittra lil Schembri (annessa) u b'risposta ta' Schembri kienu kkonfermaw illi l-piz kien ta' 1.5kg Newton.

Sostna li dan juri car li dak miktub minnhom stess fil-quotation u cioe' li l-ordni qed issir fuq 1500kg kull metru kwadru u l-quote kienet tghodd ghal dan il-piz, ma gietx segwita u implimentata u li min-naha tieghu dejjem kienet cara li l-piz kellu jkun ta' 1500kg kull metru kwadru kif jidher mid-dokumenti kollha.

Qal li sabiex isir dak li gie ordnat, iridu jergghu jinqalghu it-travi tas-sala kollha u jinbidlu. L-islabs li tpoggew huma tajbin.

In segwitu kienet inzammet laqgha ghand l-avukat Dr. Kenneth Grima. Prezenti kien hemm hu, rappresenatni tas-socjeta attrici u Paul Gladwish. Waqt il-laqgha kienu anke argumentazzjoni ]ghaliex il-Perit Cachia dakinhar kien qal illi hu kien gie ordnat jaghmel disinji ta' travi fuq kalkoli hziena. Pero' dan mhux minnu.

Rat ir-relazzjoni tal-**Perit Tekniku Alan Saliba,** minnu mahlufa waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar, 2016. Minn ezami ta' din ir-relazzjoni, l-Qorti rat li l-perit teklniku wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

"*Tirrizulta ppruvata l-hames eccezzjoni tal-konvenut Paul Gladwish li x-xoghol supplit mill-attrici Schembri & Sons Limited mhux dak ordnat, billi kien ordnat saqaf li jiflah 1,500kg/m.kw u minflok gie supplit saqaf li jiflah inqas, cioe' 673kg/m.kw.*

*Mill-quotation Dok. PG4 imressqa mill-konvenut Paul Gladwish, mill-provi mressqa mill-attrici Schembri & Sons Limited u fuq nuqqas ta' provi min-naha tal-istess Gladwish li jindikaw mod iehor, ma tirrizultax ippruvata it-tielet eccezzjoni tal-konvenut Paul Gladwish li huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk konsegwentement ghandha tigi accettata l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat Joseph Cutajar.*

*Billi kif inghad aktar 'il fuq jirrizulta li x-xoghol supplit mhux skond dak pattwit u billi sabiex dan jigi rimedjat ikun jehtieg li jizzarma s-saqaf kollu, jitqieghdu travi li jifilhu l-piz specifikat ta' 1,500kg/m.kw u jergghu jitqeghdu l-planki mill-gdid – liema xoghlijiet jiswew bil-bosta aktar mill-bilanc mitlub – ir-raba' accezzjoni tal-konvenut Paul Gladwish u kif ukoll tal-kjamat* Joseph Cutajar tirrizulta ppruvata u ghalhekk l-ebda ammont m'hux dovut lill-attrici Schembri & Sons Limited.

*Minghajr ma jidhol f'aspetti legali, dwar l-eccezzjoni tal-konvenut Paul Gladwish u t-tieni u t-tielet eccezjonijiet tal-kjamat in kawza Joseph Cutajar li jitrattaw il-preskrizzjoni, l-esponent jirrileva biss illi l-quotation Dok. PG4 ghax-xoghlijiet fil-kwisjtoni nharget mill-attrici fl-10 ta' Gunju 2003, ix-xoghol tas-saqaf beda f'Lulju tas-sena 2003 u dam ghaddej kwazi sena (skond xhieda ta' Johann Farrugia) sakemm tlesta f'Lulju tas-sena 2004 meta nhareg ic-certifikat u bdew l-ilmenti min-naha tal-konenut Paul Gladwish."*

Il-**Perit Alan Saliba** xehed in eskussjoni fl-4 ta' Mejju 2016. Huwa kkonferma illi skont id-dokument PG4 it-travi kienu wiesa' 40cm waqt li kienu gholjin sittin centimetre, pero' meta mar fuq il-post, kif jirrizulta mill-bullet 3.2, effettivament sab illi t-travi kienu 55cm wiesghin u 52cm gholjin u dan jirrizulta mill-paragrafu 3.1. Mistoqsi allura kif irrizultalu li l-ordni originali kellha tkun skont id-dokument PG4 meta effettivament it-travi kellhom daqs differenti wiegeb illi effettivament ma ntlahaqx dak il-kejl tat-travu kif indikat fil-PG4 peress illi effettivament il-piz ma giex milqugh u l-piz huwa mportanti u ghalhekk it-travu kellu jkun ta' daqs differenti. Kien ghalhekk li ma ntlahaqx il-ftehim pattwit.

Qal li PG4 jispecifika d-daqs tat-travu bhala wisgha u gholi u l-piz li jrid jiflah tali travu, u li jirrizulta li kien hemm lobbying wara li sar dan il-ftehim dwar id-daqs tat-travu, izda zied li ma jirrizultalux li kien hemm xi lobbying

fuq il-piz. Il-piz tnaqqas, allura t-travu li kien gie miftiehen originarjament kellu jkun dak li effettivament gie nstallat bhala piz. Zied jghid illi l-perit li gie mqabbad minn Schembri biex jiddisinja t-travu, il-perit Cachia qal li l-*ispans* u *l-loading* tat-travu kienu diga' gew diskussi mal-perit ta' Gladwish li huwa l-Perit Aquilina u l-Perit Cachia kkonferma li effettivament il-*loading* kellu jkun iktar minn dak li kien gie disinjat biex jerfa' u filfatt nghid illi l-klijent Gladwish xtaq illi l-*loading* kellu jkun iktar u Schembri qed jghid illi una volta t-travu kellu jkun inqas allura kien ovvju li effettivament kien ha jerfa' inqas bhala piz. Pero' in effetti l-ftehim qatt ma nbidel. Naturalment kellu jsir tibdil kollu una volta t-travu ma jibqax l-istess. Spjega li naturalment jekk izzid il-hadid fit-travu l-prezz ukoll jinbidel. Qal ukoll illi ma kien hemm l-ebda ftehim dwar metru kubu. Il-ftehim kien wiehed *lump sum.* Inoltre qal li qatt ma kien hemm xi tibdil dwar il-metru kwadru jew kubu fuq dan it-travu. Rati wkoll qatt ma kien hemm.

Kompla li Dok.PG4 juri car dak li kienu effettivament qed jiftehmu dwaru. Ir-rati li kienu gew miftehma kienu jikkoncernaw biss il-planki. It-tibdiliet li kien hemm kienu jikkoncernaw biss it-travi. Fuq it-travi hemm il-planki u kien hemm tliet proposti dwar it-tip ta' planki u Gladwish kien qabel illi kellhom isiru planki skont il-proposta A. *Il-lobbying* li sar fuq il-planki biss li jerfghu t-travi u mhux fuq it-travi.

Il-Perit Tekniku qal li huwa bbaza l-istima tieghu fuq Dok. PG4 li hija l-ordni originali u l-ordni saret abbazi taghha. Il-bqija ma kienx hemm dizgwid bejn il-partijiet li effettivament PG4 kien id-dokument finali. Din harget mis-socjeta' Schembri and Sons. Ma jirrizultalux li effettivament kien hemm xi order form ohra apparti din. Filfatt Schembri kien irrebadixxa l-pretensjoni tieghu abbazi ta' Dok. PG4 u tal-fatt illi Gladwish filfatt bidel il-kontenut ta' PG4. Sostna li ghalkemm huwa minnu li effettivament Gladwish biddel il-ftehim fir-rigward tad-daqs tat-travi, pero' dawn ma nbidlux fir-rigward tad-

daqs tal-1,500 kilos kif indikat f'Dokument PG4, u dana kif jirrizulta mill-process.

Mistoqsi jekk kienx hemm dokument iehor dwar *loading capacity* apparti PG4 qal illi ma jirrizultalux li kien hemm. Naturalment Gladwish baqa' jinsisti fuq il-*loading* ta' 1,500 kilos. Qal li minn imkien ma rrizultalu li kien hemm xi tibdil fil-loading capacity anzi Schembri jikkonferma illi Gladwish kien talab *loading* aktar. Kemm il-Perit Ivan Cachia kif ukoll Johann Farrugia jikkonfermaw dan. Dan minkejja l-fatt illi effettivament it-travu li gie *delivered* ma kienx skont id-dokument PG4.

Kompla illi x-xoghol in segwitu' sar fuq medda ta' zmien u b'referenza ghall-paragrafu 6.2 spjega illi Dok. PG4 inharget fl-10 ta' Gunju 2003. Ix-xoghol tas-saqaf beda f'Lulju tas-sena 2003 u dam ghaddej sa Lulju tas-sena 2004 u dan meta' effettivament hareg certifikat li skattat il-problema kollha. Mistoqsi jekk il-Perit Aquilina kienx mar fis-sit in kwistjoni waqt li qed jitqieghed it-travu, stqarr li ma jirrizultalux. Zied jghid li minn dak li seta' jigi kkonstatat *icto oculi* jidher li effettivament dak li gie kkonsenjat kien skont id-dokument PG4 ghax il-piz li jiflah travu ma jidhirx. Ma jirrizultalux li kien hemm xi hadd min-naha ta' Gladwish li mar jaghmel dawn il-verifiki. Huwa pacifiku li Gladwish kien oggezzjona ghal dan it-travu una volta rcieva c-certifikati taghhom. Kien f'Lulju 2004 li effettivament Gladwish beda jilmenta fuq dan it-travu. Saritlu referenza ghal Johann Farrugia li xehed fit-tieni seduta fis-17 ta' Ottubru 2013 u qal illi meta huwa kien qed jigri biex jigbor il-bilanc li kien ghadu dovut minghand Gladwish, kien cemplilhom il-Perit Aquilina u qalilhom bil-problema illi t-travi ma kienux jifilhu l-*loading* li kienu ftehmu dwaru u ghalhekk f'nofs 2005 kien diga hemm il-problema dwar it-travi. Hawnhekk ix-xhud stqarr li qed jassumi li Farrugia dam sena u nofs jigri wara l-bilanc u kien hemmhekk meta tqajmet il-problema. Minn Lulju 2004 sa nofs l-2005 jigifieri sena wara.

Irrizultalu wkoll minn Dokument JFR6 li effettivament il-kwistjoni tal-MEPA nqalghat wara t-tqeghid tat-travu fejn l-*enforcement* jirrelata ghat-18 ta' Ottubru 2013. Il-kwistjoni mal-MEPA hija l-enforcement li harget.

Fil-15 ta' Gunju, 2016 rega' xehed il-**Perit Alan Saliba**. Dan qal li ma jidhirlux li kien hemm tnaqqis fil-prezz tat-travu u filfatt lanqas *invoice* dwar it-travu ma hemm fil-process. Qal li kien hemm biss tnaqqis ta' xi liri zghar sabiex il-kwistjoni taqa' fil-kompetenza ta' din il-Qorti. B' referenza ghal dokument JFR17 li huwa l-i*statement* u PG4 li huwa *quotation*, qal li dawn id-dokumenti jaghmlu referenza ghall-*invoices* li m'humiex fl-atti. Il-Perit qal li Gladwish ma kkontestax li huma dovuti hamest elef lira, izda kkontesta li effettivament ix-xoghlijiet ma kienux skont il-kwalita' pattwita. Ma rrizultalux li kien hemm xi tibdil fil-prezz ghaliex l-*invoices* qatt ma gew ezebiti. Mistoqsi jekk jirrizultalux li effettivament is-somma ndikata ghat-travi f'PG4 effettivament hix differenti minn dik indikata fid-Dokument JFR17 fl-istatement, stqarr li hemm differenza, pero' ma jistax jghid jekk kienx hemm tnaqqis jew le ghaliex l-*invoice* mhix ezebita. Filfatt, qal, kien hemm anke referenza ta' planki b'qisien differenti li m'humiex imsemmija fid-dokument l-iehor. Qal li hu zgur huwa li s-section tat-travi hxienet u mhux naqset. Stqarr li hu lanqas ha l-kejl dwar il-kwantitajiet u lanqas hemm kontestazzjoni dwar il-kejl. Mistoqsi jekk kienx hemm differenza fil-prezz bhala proporzjon minhabba l-kwoti, qal illi dan ma jistax iwiegeb ghax l-ewwel nett ma kejjilx it-travi u fl-invoice m'hemmx indikat kejl lanqas ghax l-invoice ma tezistix. Zied li hu ffoka fuq 1,500 kilo kwadru ghaliex dik hija l-kontestazzjoni u mhux il-kejl. F'dan il-kaz ma jidhirx li kien hemm xi ftehim dwar il-kejl. Il-ftehim kien wiehed globali pero' naturalment il-ftehim kien bil-loading capacity. Dak kien il-crux ta' kollox. Qal li ma jistax jghid jekk l-ammont ta' rebound f'dawn it-travi zdiedx jew le, u zied li ma kienx hemm tibdil fil-piz izda fid-daqs tat-travu. Qal li skont Dok. PG4 kien 40 by 60 centimetres u fil-verita' sar 55 by 52 u ghalhekk twessa u tbaxxa. Dan hadu mill-kejl li ha hu stess fuq il-post u skont JFR1 ezebit fl-atti li jinsab fir-

rapport tieghu. Qal li l-*lobby* sar fuq it-travu mhux fuq il-planki. PG4 biss hemm bhala dokument il-*quotation* fejn hemm indikat il-piz. Order form finali m'hemmx.

Minn dak li ra fuq il-post, id-daqs huwa ikbar u l-piz huwa izghar li jiflah u ghalhekk m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dak li gie ordnat skont PG4 u ghalhekk li ma kienx skont il-kwalita' u li hemm il-problema odjerna. Zied li effettivament il-Planning Authority kienet harget ordni ta' infurzar peress illi t-tieni sular kien inbena daqs oghla minn dak li kien gie approvat u jaf li kien hareg wara. Schembri kien qed jipprova jiggustifika l-fatt li t-travi jifilhu inqas mal-fatt illi l-MEPA mhux se taghti l-permess ta' sular iehor. Hu ma dahalx fil-kwistjoni izda dahal biss fil-kwistjoni jekk kienx tal-kwalita' pattwita jew le. Li t-travi tbaxxew b'eight centimetres ma kinitx il-kwistjoni tal-MEPA. L-enforcement ma hargitx fuq il-kwistjoni tal-eight centimetres.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mis-socjeta' attrici fit-23 ta' Novembru, 2016 u dik tal-konvenut Paul Gladwish prezentata fit-28 ta' Gunju, 2017.

Semghet lill-partijiet jawtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha u dan waqt is-seduta tas-27 ta' Settembru 2017.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ghandha titratta l-eccezzjonijiet preliminari sollevati kemm mill-kjamat in kawza u kif ukoll mill-konvenut qabel ma tidhol fil-mertu u stante li dawn l-eccezzjonijiet huma ta' natura legali l-perit tekniku ma dahalx fihom.

Fl-ewwel lok ghalhekk din il-Qorti sejra titratta mal-eccezzjoni tal-kjamat in kawza li huwa m'ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghaldaqstant din il-Qorti ghandha tililberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Jinghad li b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet in virtu ta' liema l-wiehed, kreditur, ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu.

Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm "*di dare*" jew "di fare" jew "*di non fare*". Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et</u>** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik l-qorti sostniet li:-

"*Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti,*

*kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti 'n kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat prima facie legittimu kontradittur- kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estranju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata*".

Ghal dak li jghodd in tema tal-hsieb appena affermat, jidher li l-fatti saljenti kif johorgu mill-atti istruttorji tal-kaz huma kif gej:

Illi mill-provi akkwesiti jidher kif tajjeb osserva il-perit tekniku li kien hemm ftehim ta' appalt bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut de proprio u fil-fatt kif jirrizulta mill-ittra esebita u mmarkata bhala Dok JFR17, il-konvenut kien talab lis-socjeta' attrici sabiex tohroglu statement of account tal-hlasijiet u dan sabiex ikun jaf kemm effettivament kien gja hallas u x'kien il-bilanc li talvolta setgha kien dovut. Ghalhekk ir-relazzjoni dwar il-kuntratt ta' appalt kien bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut de proprio. Jinghad ukoll li l-ordni originali saret ukoll mill-konvenut (vide Dok PG 4). Illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex jindika lill-Qorti kif fil-fehma tieghu jemmen li kien hemm xi relazzjoni bejn il-kjamat in kawza u s-socjeta' attrici minkejja li kien hu li talab li l-kjamat in kawza jigi notifikat bl-atti odjerni. Il-kjamat in kawza kien biss il-kuntrattur imqabbad mill-konvenut u r-relazzjoni tal-kjamat in kawza kienet wahda limitata ghal mal-konvenut. Mhux minnu kif hemm indikat fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li l-kjamat in kawza

kien ghamel xi ordnijiet direttament mas-socjeta' attrici u li hallas ghal xi ordni ta' materjal partikolarment ghall-hlas tal-*concrete beams* u *slabs*.

Illi f'dan il-kaz ma jirrizultax, lanqas b'mod remot, li l-kjamat in kawza kellu x'jaqsam mas-socjeta' attrici. Hadd mix-xhieda li xehdu ghan-nom tas-socjeta' attrici jew mill-periti li xehdu ma qalu li kien hemm xi ftehim bejn is-socjeta' attrici u l-kjamat in kawza. Jirrizulta biss li l-kjamat in kawza kien gie imqabbad mill-konvenut *de proprio* u ghalhekk ir-relazzjoni tieghu semmai hija biss mal-konvenut. Jidher li l-pagamenti li saru akkont tax-xoghol li ghamlet is-socjeta' attrici saru kollha mill-konvenut de proprio. Ma hemmx dubbju li mill-provi prodotti, il-kjamat in kawza huwa estraneju ghal kollox w ghalhekk zgur li l-eccezzjoni tieghu li mhux il-legittimu kontradittur, ghandha tigi milqugha. Ghalhekk din il-Qorti mhix ser tiddiskuti l-eccezzjonijiet l-ohra tieghu.

Illi jinghad li l-konvenut ukoll fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu u appuntu fil-paragrafu enumerat tlieta jghid li huwa mhux il-legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici peress li fil-fehma tieghu l-inkarigu ta' ordnijiet u hlas tal-istess materjal ma kienx tieghu. Issir referenza ghad-dokument gja imsemmi u cioe' Dok PG 4 li jinsab esebit fir-relazzjoni tal-perit tekniku Alan Saliba u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li l-klijent tas-socjeta' attrici huwa Paul Gladwish li kien hemm indikat fuq din l-ordni stess. Jirrizulta ukoll li l-konvenut stess qabad jiskambja korrispondenza fuq il-kwistjoni ezistenti bejnu u bejn is-socjeta' attrici mal-istess socjeta' attrici (vide Dok PG5 u PG6). Dawn id-dokumenti per se jindikaw u jitkellmu dwar ir- relazzjoni guridika li kien hemm bejniethom u ghalhekk din l-eccezzjoni fir-rigward tal-konvenut qed tigi michuda.

Illi l-konvenut eccepixxa wkoll l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2149(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-**artikolu 2149 (a) tal-Kap 16** jiddisponi:

"*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn:*

*L-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xogholijiet ohra ta' injam, gebel jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu.*"

Fl-**artikolu 2149 (a),** il-preskrizzjoni tirreferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom tkun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li aktar minn opra, jipprestaw xoghol - opus – minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xogholijiet minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet.

Fil-fatt, l-**artikolu 2149 (a)** mhux applikabbli ghall-kaz ta' semplici fornitura ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew. (**<u>Lawrence Formosa et vs Anthony Borg proprio et no</u>**e, Appell 27 ta' Jannar 1997,u **<u>Langdale Ltd. vs Jon David Ltd.</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Novembru 2004).

Il-preskrizzjoni taht l-**artikolu 2149 (a)** tolqot l-azzjonijiet ta' kuntratturi "*ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu.*" Dwar din il-prekrizzjoni, il-Qorti ta' l- Appell f'sentenza moghtija fis-27 ta' Mejju 1957 **<u>f'George Zammit vs Teresa Bonnici noe</u>** qalet hekk:

"*Dik id-dispozizzjoni tal-ligi tikkontempla l-azzjonijiet……tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xogholijiet ohra ta' injam, gebel jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu. Din id-dispozizzjoni ma tikkontemplax il-kaz ta' fornituri ta' materjal in genere, izda tal-fornituri li jsiru minn…..appaltaturi ta' xogholijiet, li flimkien mal-opra taghhom*

*ikunu in konnessjoni mal-istess opera fornew ukoll il-materjali mehtiega……….”*

Ghaldaqstant, dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli ghall-kaz ta’ semplici fornitura ta’ materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur ta’ l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew.” (Ara **A.M.C. Marketing Ltd. vs Pletz Holdings Ltd**. deciza mill-Prim’Awla Qorti Civili fit-22 ta’ Frar 2002).

Hekk gie ribadit ukoll fis-sentenza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **Paul Formosa vs Salvu Debono** deciza fil-5 ta’ Ottubru 2001:

“*Gie ritenut minn dawn il-Qrati li dan is-subinciz [l-artikolu 2149(a)] ma japplikax fejn ikun hemm semplici fornitura ta’ materjali imma kien jikkontempla biss dawk il-materjali suppliti mill-kuntratturi fuq xogholijiet meta dawn ikunu impjegati f’xogholijiet ta’ kostruzzjoni minnhom esegwiti jew fl-istess utilizzati*.”

F’dan l-istess kaz, saret referenza ghal kaz iehor deciz mill-Qorti tal-Kummerc, **Victor Camilleri vs Emanuele Abela et** deciz fil-31 ta’ Mejju 1977 u ghall-kaz **Maria Camilleri vs John Licari**, Appell deciz fis-16 ta’ Ottubru 1972, Vol. XLI.i.347

“*……ghall-applikazzjoni ta’ dan l-artikolu irid jissussisti l-element ta’ “opus” da parti tal-kuntrattur fil-konfront tal-eccipjent altrimenti l-kontrattazzjoni tkun wahda ta’ bejgh ordinarju u ma jinqabadx mill-imsemmi artikolu*.”

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita`taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Il-preskrizzjoni wkoll, dik tax-xorta li titfi l-process, hija istitut li min-natura

tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b'mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

Ghalhekk hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici ghandha tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka, izda l-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Il-parti mharrka trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan miz-zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq. (Ara **Guido Vella vs Emanuel Cefai**, Appell Civili tal-5 ta' Ottubru 2001, u **Victor Portelli vs Mark Psaila**, deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003).

Ara wkoll f'dan ir-rigward il-kawza deciza fl-4 ta' Dicembru 1987 mill-Onor. Qorti tal-Kummerc, Onor. Imhallef Dr. J. D. Camilleri fl-ismjiet **Edgar Causon noe vs Abdelsalam Sheibani,** u **Camilleri vs Frendo** (Kollezz. Vol XII pg. 144) u **Joseph Borg vs Nobbli Maria Testaferrata Bonici** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Marzu 1958.

Sostniet is-socjeta' attrici li dak li qal l-avukat difensur taghha u cioe' li kienet saret laqgha sena qabel ma giet intavolata l-kawza (liema xhieda ma gietx kontradetta) fejn f'dik is-seduta l-konvenut ma qalx li m'ghandux jaghti, izda beda isaqsi dwar it-toqol o meno li kienu jifilhu is-slabs, jikkostitwixxi rinunzja tal-preskrizzjoni.

Dab isib konferma wkoll fil-principju guridiku diversi drabi enuncjat mill-Qrati nostrali li huwa pacifikament notorju li jezistu cirkostanzi li manifestament jiddimostraw illi l-preskrizzjoni eccepita hija inkompatibbli meta jirrizultaw certi attijiet ohra.

B'ezemplari jistghu jissemmew il-kaz tar-rikonoxximent tad-dejn jew fejn id-debitur ma jichadx id-dejn (Kollez Vol XL XLVIII pIII p1440; **"Victor Calleja noe vs Nazzareno Vassallo et noe**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998), il-pagament akkont (Kollez Vol XXIX pI p755), il-prova ta' l-ammissjoni tad-dejn ("**Silvio Frendo vs Andrew Faenza**", Appell, Sede Inferjuri, 2 ta Gunju 2000) u l-kompensazzjoni (Kollez. Vol XXX pI p964). Dawn l-ezemplari kollha jirrientraw fil-kwadru guridiku ahjar konoxxut bhala rinunzja ghall-preskrizzjoni.

Sostniet ukoll li kif inghad mill-Qorti Taljana ta' Cassazzjoni:

"*l'eccezione di rinuncia alle prescrizione non integra una eccezzione in senso proprio, e pertanto puo` essere presa in esame dal giudice anche "ex officio", senza bisogno di un' apposita iniziativa della parte interessata, purche` I fatti sui quali l'eccezione si fonda, anche se non allegati dalle parti, siano stati ritualmente acquisiti al processo*."

Izda jinghad li rinunzja ghandha dejjem tkun cara, esplicita u inkondizzjonata. Ara f'dan is-sens Appell Civili Superjuri, 15/01/2001, **Agostino Azzopardi and Sons Limited vs Randolph Schembri**; Appell Civili Inferjuri, 02/06/2000, **Silvio Frendo et vs Andrew Faenza** (LXXXIV-II-I); **Sant Cassia vs Anne Deguara,** Appell Inferjuri, 01/03/1982; **Henry Thake vs C. Borg**, Appell Inferjuri, 25/11/2986; Prim'Awla, 13/01/1995, **Bugeja vs Bugeja**; Prim'Awla 03/10/2001, **Grima vs German**; Appell Inferjuri Civili, 29/11/2007, **Cutrico Services Limited vs Darwin International Limited.**

Fil-fehma tal-Qorti, ma kienx hemm rinunzja u certament mhux fit-termini rikjesti mill-gurisprudenza. Issa l-obbligu ghall-fini tal-preskrizzjoni li jipprova minn liema data beda jghaddi t-terminu tal-preskrizzjoni jew meta kien dovut il-hlas skond il-kuntratti relattivi jinkombi fuq il-konvenut.

Jirrizulta mill-atti kif senjalati mill-Perit Tekniku Alan Saliba li l-quotation Dok. PG4 ghax-xoghlijiet fil-kwistjoni nharget mis-socjeta' attrici fl-10 ta' Gunju 2003, ix-xoghol tas-saqaf beda f'Lulju tas-sena 2003 u dam ghaddej kwazi sena (skond xhieda ta' Johann Farrugia) sakemm tlesta f'Lulju tas-sena 2004 meta nhareg ic-certifikat u bdew l-ilmenti min-naha tal-konvenut Paul Gladwish. Pero' fl-atti jirrizulta ukoll a fol. 62 e-mail fejn issir referenza ghall-e-mail mibghuta minn Dr Catherine Formosa ghan-nom tal-Bank of Valletta li fil-31 ta' Ottubru 2008 il-partijiet kienu waslu fi ftehim sabiex ikun jista' jitnehha l-mandat ta' sekwestru taht il-kundizzjoni li l-konvenut johrog bank draft, liema offerta pero' kienet giet irtirata mill-konvenut pernmezz ta' email ohra datata 3 ta' Novembru 2008. Il-kawza odjerna giet intavolata nhar l-4 ta' Novembru 2008. Il-konvenut li xehed aktar minn f'okkazjoni wahda qatt ma jghid li ma kienx hemm dan il- ftehim. Fil-fatt fix-xhieda tieghu qatt ma qal li m'ghandux jaghti. Jghid biss li t-travi li gew suppliti ma kienux jifilhu l-loading li kien ordna. Il-konvenut qatt ma kkontesta li l-flus huma dovuti izda kkontesta li x- xogholijiet li saru mis-socjeta' attrici ma sarux skond dak miftiehem. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Jibqa ghalhekk li jigi trattat il-mertu. Jinghad bla tlaqliq li l-mertu kien wiehed tekniku u kien ghalhekk li din il-Qorti nnominat lill-Perit Alan Saliba sabiex jiehu konjizzjoni tat-talba attici u tal-eccezzjonijiet tal- konvenut u tal-kjamat in kawza. Il-Perit Tekniku pprezenta r-relazzjoni tieghu u kkonkluda li in effetti x-xoghol supplit mhux skond dak pattwit u sabiex dan jigi rimedjat ikun mehtieg li jizzarma is-saqaf kollu, jitqieghdu travi li jifilhu l-piz specifikat ta' 1,500kg/m u jergghu jitqieghdu l-planki mill-gdid – liema xoghlijiet jisqew bil-bosta aktar mill-bilanc mitlub.

Il-Qoti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet '**<u>RainbowMix Concrete ltd vs Michael Bianchi et'</u>** deciza mill- Prim'Awla

tal-Qorti Civili nhar il-15 ta' Novembru 2011, dwar in-natura ta' kuntratt ta' appalt in generali fejn dik l-Qorti citat mis-sentenza **Busuttil v Fedele et** [09.04.0968, Prim' Awla] fis-sens li :

'*huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu pruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. ... Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero' jibqa obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni.'*

*Il-gurisprudenza hija konkordi fis-sens li l-appaltatur mhux biss ghandu jezegwixxi x-xoghol skond dak stipulat bejn il-kontraenti izda l-ezekuzzjoni u l-prodott finali jrid ikun skond l-arti u s-sengha kemm ghal dik li hija bonta kif ukoll ghal dik li hija adattabilita ghall-uzu :*

*'Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b' mod li 'l quddiem juri d-difetti ...*

*It-tieni principju jghid illi l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina ... Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa skond ... l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent' [**Darmanin v Agius,** Appell, 09.10.2004]*

Din il-Qorti tghid li konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet ta' natura teknika ta' perit mahtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-kaz tal-lum jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista' jasal ghad-decizjoni tieghu.

Dwar il-konkluzjonijiet ta' espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawza "**Calleja vs Mifsud**" irriteniet li:

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika."*

Dan l-insenjament huwa rilevanti u japplika ghall-kaz tal-lum. Di fatti ir-relazzjoni tal-perit tekniku kienet grosso modo sfavorevoli ghas-socjeta' attrici , pero' dan ghazel li ma jressaqx talba ghall-hatra ta' periti teknici addizzjonali u llimita ruhu li fl-ewwel lok jeskuti lill-perit tekniku u fit-tieni lok iressaq sottomissjonijiet bil-miktub. Fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta' Settembru 2003 fil-kawza "**Grech et vs Grech et**" – din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet –

*Bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli.* (ara wkoll – "**Bugeja et vs Muscat**" – Appell Kummercjali – 23 ta' Gunju 1967).

*Ir-rigett minn qorti ta` l-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha (u cioe` ta` loti) trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**Grima vs Mamo et noe"** – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).

Ghalhekk 'in fin' `dei conti` qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenetx gusta u korretta.

Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 ; "**Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja noe vs Mifsud"** – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Din il-Qorti tghid li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa principalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali. In partikolari, sabiex hejja r-rapport tieghu, il-perit tekniku acceda ghal darba, darbtejn fl-ambjenti fejn saru x-xogholijiet mill-kumpanija attrici u kkonstata l-istess xogholijiet. Il-perit tekniku fisser fid-dettall ir-ragunijiet li wasslu ghall-konkluzjonijiet tieghu. Din il-Qorti tqis ragonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku u l-konkluzjonijiet tieghu. Ghaldaqstant, anke wara li tat il-konsiderazzjoni dovuta lis-sottomissjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali.

Ghalhekk tghid li dawk il-konkluzjonijiet jimmeritaw li jkunu ben akkolti anke ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 fil-kawza **"Camilleri noe vs Debattista"** – "*ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu.*"

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tilqa' is-suggerimenti tal-Espert Tekniku li l-ammont mitlub mis-socjeta' mhux dovut.

**Ghalhekk din l-Qorti filwaqt li tillibera lill-kjamat in kawza Joseph Cutajar mill-osservanza tal-gudizzju, qieghda tichad l-ewwel u it-tielet eccezzjoni tieghu flimkien mat-talba attrici b'dan illi qieghda tilqa' ir-raba' u hames eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li s-socjeta' attrici ma hix intitolata ghall-flejjes reklamati minnha.**

**Bl-ispejjez tal-kawza, eskluz dawk konnessi man-nomina tal-kjamat in kawza, huma a spejjez tas-socjeta' attrici filwaqt li dawk li saru in konnessjoni mal-kjamat in kawza huma a karigu tal-konvenut. L-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru 3028/08 a karigu tas-socjeta' attrici.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**